

Brussell, 16 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14084/23

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0077(COD)**

---

---

**ENER 541  
ENV 1112  
CLIMA 467  
COMPET 983  
CONSOM 360  
FISC 225  
CODEC 1839**

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	7440/23 + ADD1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2019/942 kif ukoll id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 biex jittejjeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni - Approċċ ġenerali

---

**I. INTRODUZZJONI**

1. Fl-14 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għar-Regolament biex jittejjeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (Regolament EMD), u għar-Regolament biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-Unjoni mill-manipulazzjoni tas-suq fis-suq tal-enerġija bl-ingrossa (Regolament REMIT).

2. Dawn il-proposti jsegwu l-prezzijiet għoljin ħafna u l-volatilità fis-swieq tal-elettriku osservati fl-2021 u l-2022, u huma bbażati fuq tliet pilastrri – biex jipproteġu lill-konsumaturi, biex itejbu l-istabbiltà u l-prevedibbiltà tal-kostijiet tal-enerġija u b'hekk jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-ekonomija tal-UE, u biex jagħtu spinta lill-investment ġdid fl-enerġija.
3. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew stieden lill-koleġiżlaturi mingħajr dewmien jadvanzaw il-ħidma dwar ir-reviżjoni proposta tad-disinn tas-suq intern tal-elettriku tal-UE bil-ħsieb li tiġi żgurata l-adozzjoni tagħha sa tmiem l-2023.

## **II. SITWAZZJONI ATTWALI**

1. Fid-19 ta' Ġunju, il-Kunsill TTE (Enerġija) iddiskuta l-ħames reviżjoni (REV5) tar-Regolament biex jittejjeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (EMD) u r-Regolament biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-Unjoni mill-manipulazzjoni tas-suq fis-suq tal-enerġija bl-ingrossa (REMIT), kif jinsabu fid-dokumenti 10605/23 u 10606/23 bl-għan li jintlaħaq Approċċ Ġenerali dwar iż-żewġ fajls qabel in-negozjati mal-Parlament Ewropew.
2. Matul il-laqgħa, intlaħaq qbil għal Approċċ Ġenerali dwar ir-REMIT. Madankollu, fir-rigward tar-Regolament EMD, l-Istati Membri enfasizzaw xi kwistjonijiet li kienu jeħtieġu aktar konsultazzjonijiet u abbozzar mill-ġdid, speċifikament dwar il-kuntratti għal differenza (CfDs) u d-deroga possibbli mil-limiti tal-emissjonijiet tas-CO2 meta jiġu applikati l-mekkaniżmi ta' kapaċità (CRMs). Fit-30 ta' Ġunju, il-Coreper eżamina proposta ta' kompromess ġdida. Filwaqt li sar xi progress, l-Istati Membri enfasizzaw il-ħtieġa għal aktar ħidma.
3. Kif diġà ntqal fid-dokument ST 10607/23, għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza legali, l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament propost dwar is-Suq tal-Elettriku, li jemendaw id-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944, ser jitneħħew minn dak ir-Regolament u ser isiru Direttiva awtonoma. Dan huwa aġġustament legali u tekniku li ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet sostanzjali tal-proposti.

4. Il-Presidenza Spanjola kompliet il-ħidma tal-Presidenza preċedenti, billi bdiet bl-ewwel diskussjoni fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija fis-6 ta' Lulju. Il-Presidenza qed taħdem fuq iż-żewġ kwistjonijiet pendenti fir-Regolament EMD, jiġifieri s-CfDs u d-deroga possibbli mil-limiti tal-emissjonijiet tas-CO2 meta jiġu applikati s-CRMs, u qed tisma' l-perspettivi tal-Istati Membri kollha dwar kif l-aħjar li wieħed jipproċedi sabiex jintlaħaq qbil.
5. Fis-26 ta' Lulju, il-Presidenza talbet lill-Istati Membri biex jiffukaw fuq CfDs bidirezzjonali fil-Artikolu 19b, b'mod partikolari fil-każ ta' dawk is-CfDs għal investimenti ġodda għall-ġenerazzjoni tal-elettriku mmirati lejn l-estensjonijiet tal-ħajja, fejn kien hemm hteġa ċara u urġenti li jinstab il-bilanċ it-tajjeb rigward id-distribuzzjoni tad-dħul u l-prinċipju tat-tfassil ta' dawn is-CfDs. Il-Presidenza talbet lid-delegazzjonijiet jikkondividu l-proposti bil-miktub tagħhom fir-rigward tal-Artikolu 19b fir-Regolament EMD sal-1 ta' Settembru u ddiskutiet il-kontributi tagħhom fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija fil-5 ta' Settembru.
6. Abbażi tal-kummenti u l-kontributi li waslu mill-Istati Membri, il-Presidenza ċċirkolat proposta ta' formulazzjoni ġdida dwar l-Artikolu 19b (CfDs), sabiex jinstab bilanċ bejn il-pożizzjonijiet differenti. Dan it-test ġie diskuss fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija tal-14 u d-19 ta' Settembru.
7. L-aġenda tal-Kunsill TTE (Enerġija) li ser isir fis-17 ta' Ottubru 2023 tinkludi r-Regolament biex jittejjeb id-disinn tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (Regolament EMD), bl-għan li jintlaħaq Approċċ Ġenerali.
8. Bħala l-ewwel pass biex titħejja d-diskussjoni għall-Kunsill TTE (Enerġija), il-Presidenza talbet lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti għal aktar gwida politika biex jiġu solvuti kwistjonijiet essenzjali fir-rigward tal-Artikolu 19b fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ottubru, kif jinsab fid-dokument ST 12674/23.

9. Konsegwentement, il-Presidenza ddeċidiet li toħroġ revizzjoni ġdida tat-test (REV6), kif tinsab fid-dokument ST 13771/23, li ġie diskuss fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-13 ta' Ottubru, b'enfasi partikolari fuq l-Artikolu 19b tar-Regolament dwar l-Elettriku 2019/943 kif emendat bir-Regolament EMD. Wara l-orjentazzjoni pprovduta mill-Kumitat, il-Presidenza ħejjiet revizzjoni ġdida tat-test (REV7).

### **III. ĦIDMA FIL-PARLAMENT EWROPEW U F'KORPI OĦRA TAL-UNJONI**

1. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) qed imexxi l-fajl. Il-Parlament adotta r-rapport tiegħu fil-Plenarja dwar l-EMD fl-14 ta' Settembru.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar l-EMD fl-14 ta' Ġunju, filwaqt li l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu dwar l-EMD fis-6 ta' Lulju 2023.

### **IV. ELEMENTI EWLENIN TAL-PROPOSTA TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA GĦAD- DISKUSSIONI FIL-KUNSILL**

1. L-elementi ewlenin fir-REV7 meta mqabbla mad-dokument ST 13771/23 (REV6) u ST 10606/23 (REV5) huma dawn li ġejjin:
  - a) L-Artikolu 19b tar-Regolament 2019/943, dwar kuntratti għal differenza (CfDs):
    - Il-paragrafu 1 iżomm l-enfasi tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu fuq skemi diretti ta' appoġġ għall-prezzijiet għal investimenti f'faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija ġodda.
    - Il-paragrafu 1a fih dispożizzjonijiet dwar il-kriterji tad-disinn għas-CfDs relatati ma': 1) l-effett tal-iskemi ta' appoġġ fuq it-tħaddim tal-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni u l-parteċipazzjoni fis-suq tal-elettriku; 2) il-livell ta' remunerazzjoni; u 3) l-interazzjoni mal-kompetizzjoni fis-suq intern.

- L-aspetti marbutin mad-distribuzzjoni tad-dħul mis-CfDs huma regolati fil-paragrafu 3, li ġie ssimplifikat. Ir-referenzi għad-distribuzzjoni tad-dħul lill-impriżi tneħħew mit-test.
- b) Fl-Artikolu 64 tar-Regolament dwar l-Elettriku 2019/943, il-paragrafu 2c ġdid u premessa korrispondenti 53f jiżdiedu b'rabta mal-possibilita' għal deroga eċċezzjonali mill-Artikolu 22(4)(b) tar-Regolament dwar l-Elettriku fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' kapaċita' approvati mill-Kummissjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Din id-deroga hija soġġetta għal awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni u għall-konformita' mal-Artikoli 107 u 108 TFUE, dment li jiġu ssodisfati xi kundizzjonijiet. B'mod partikolari, deroga trid tiġi ristretta għall-ammont ta' kapaċita' li hu meħtieġ biex jiġi solvut it-tfassib dwar l-adeqwatezza u l-Kummissjoni ser tivvaluta l-impatt tat-talba għal deroga f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Id-deroga tista' tiġi applikata sal-31 ta' Diċembru 2028.
- c) Fl-Artikolu 66a tad-Direttiva 2019/944, jibqa' hemm il-paragrafu li bis-saħħa tiegħu l-Istati Membri jistgħu japplikaw, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 TFUE, limitu massimu fuq id-dħul mis-suq minn ġeneraturi inframarġinali soġġett għall-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 8 u l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1854. Dan il-limitu massimu fuq id-dħul jista' jiġi applikat sat-30 ta' Ġunju 2024.
- d) Premessi:
- Ġiet miżjuda premessa 29a ġdida dwar il-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija (PPAs), li tenfasizza li l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-PPAs transfrontiera u jneħħu l-ostakli mhux ġustifikati li huma specifkament relatati magħhom, biex b'hekk jippermettu li l-konsumaturi fl-Istati Membri b'kapaċita' limitata jkunu jistgħu jaċċessaw l-enerġija ġġenerata fregjuni oħra mingħajr diskriminazzjoni.
  - Fil-premessa 40a, ġie miżjud li l-mekkaniżmi ta' kapaċita' jista' jkollhom rwol importanti fl-iżgurar tal-adeqwatezza tar-riżorsi għal sistemi tal-enerġija mhux interkonnessi biżżejjed.

- Fil-premessa 53g, it-test il-ġdid iżid li l-mekkaniżmi ta' kapaċità jeħtieġ li jkunu miftuħa għall-parteċipazzjoni tar-riżorsi kollha li huma kapaċi jipprovdu l-prestazzjoni teknika meħtieġa, inkluż l-impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-gass, dment li jissodisfaw il-limitu tal-emissjonijiet fl-Artikolu 22(4).
- Ġiet miżjuda l-premessa 53a fir-rigward tal-limitu massimu tad-dħul inframarġinali rregolat fl-Artikolu 66a tad-Direttiva 2019/944.

## V. **KONKLUŻJONIJIET**

1. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jaqbel dwar Approċċ Ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill TTE (Enerġija) tas-17 ta' Ottubru, fuq il-bażi tat-test li jinsab fid-dokument ST 14085/23.
2. Dan l-approċċ ġenerali ser iservi ta' mandat għan-negozjati tal-Kunsill mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-proċedura leġislattiva ordinarja.

\_\_\_\_\_